Malta-EU Steering & Action Committee

Fond tas-Soċjetà Ċivili: għotjiet lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili
Il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru 2009
Introduzzjoni mill-Kap tal-MEUSAC, Dott. Vanni Xuereb

Hu pjaċir tiegħi li nilqagħkom illum fl-uffiċċji tal-MEUSAC għal din il-preżentazzjoni ta' għotjiet lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili taħt il-Fond tas-Soċjetà Ċivili. Matul din is-sena, il-MEUSAC se jkun qassam total ta' €278,472.27 taħt dan il-Fond lil 25 organizzazzjoni li jinkludu kemm Imsieħba Soċjali kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi.

L-iskop tal-Fond għas-Soċjetà Ċivili dejjem kien dak li jsaħħaħ il-kapaċità ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li joperaw f'kuntest tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Qabel is-sħubija fl-2004 kien jinħass il-bżonn li s-soċjetà ċivili tiffamiljarizza ruħha mal-Unjoni Ewropea, tibqa' aġġornata dwar żviluppi fl-UE kif ukoll tikkontribwixxi fil-proċess tan-negozjati għas-sħubija ta' Malta fl-UE permezz tal-MEUSAC.

Issa li ilna ħames snin fl-UE, kien jinħass il-bżonn li naraw kif l-għanijiet tal-Fond għas-Soċjetà Ċivili jistgħu jintlaħqu fil-kuntest imġedded tal-lum. Illum ma nitkellmux iktar dwar il-bżonn ta' "familjarizzazzjoni". Illum jeħtieġ li nsaħħu l-opportunitajiet għas-soċjetà ċivili kemm fil-kuntest nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. Kien għalhekk li meta approva linji ta' gwida ġodda għall-Fond tas-Soċjetà Ċivili, il-*Core Group* tal-MEUSAC, l-istruttura konsultattiva ċentrali tagħna li tiġbor flimkien il-Gvern, il-partiti politiċi, l-Imsieħba Soċjali u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, iddeċieda li l-Fond għandu jiffoka fuq aspetti partikolari tal-ħidma tas-soċjetà ċivili.

Fil-fatt, dan il-Fond issa hu mmirat li jiffaċilità l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'għaqdiet, assoċjazzjonijiet jew federazzjonijiet fuq livell Ewropew. Hu għalhekk li fis-sejħa li saret f'Awwissu li għadda, tlabna lill-organizzazzjonijiet interessati biex japplikaw għal finanzjament ta' massimu ta' 80% tal-ispejjeż relatati mal-affiljazzjoni tagħhom f'dawn l-għaqdiet, assoċjazzjonijiet jew federazzjonijiet Ewropej u l-attendenza f'konferenzi, seminars u laqgħat barra minn Malta fuq materji relatati direttament mal-UE u fil-kuntest tal-affiljazzjoni fuq livell Ewropew.

Minbarra dan, kif titlob il-liġi, tlabna li dawn l-organizzazzjonijiet ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jew ikollhom rikonoxximent uffiċjali taħt xi liġi oħra.

Tlabna wkoll xi ħaġa oħra: li dawn l-organizzazzjonijiet ikunu qed jipparteċipaw b'mod attiv u regolari fl-istrutturi ta' konsultazzjoni li tħaddem il-MEUSAC. Ma nistgħux nippretendu li nikkontribwixxu fuq il-livell Ewropew jekk l-ewwel u qabel kollox, m'aħniex qed nagħtu l-kontribut tagħna fuq il-livell domestiku. Il-proċessi li tħaddem il-MEUSAC huma

opportunità tad-deheb biex organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jwasslu l-ideat u l-ħsibijiet tagħhom lil Gvern meta dan ikun qed ifassal il-pożizzjoni li ħa taddotta Malta dwar proposti leġislattivi tal-Unjoni Ewropea.

Ta' min jgħid, li l-Fond għas-Soċjetà Ċivili mhuwiex l-unika għajnuna li joffri l-MEUSAC lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Fil-kuntest tal-proċessi ta' konsultazzjoni, 52 organizzazzjoni qed jipparteċipaw fil-*Core Group* u fid-9 kumitati settorjali. Minbarra dan, ta' kull ġimgħa jintbagħtu *updates* dwar l-aħħar żviluppi fl-UE lil dawn l-organizzazzjonijiet. Fin-*newsletter* tagħna, kull ħmistax qed noffru wkoll spazju biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jsemmgħu leħinhom dwar xi materja b'rilevanza Ewropea li jkunu jixtieqū jittrattaw.

Bejn Diċembru 2008 u Ottubru li għadda, saru 111 laqgħat formali bejn il-MEUSAC u għaqdiet mhux governattivi dwar għajnuna fl-applikazzjoni ta' proġetti taħt il-programmi ta' fondi tal-UE. Matul l-istess perjodu, bl-għajnuna tal-MEUSAC, 22 organizzazzjoni kisbu total ta' €2,411,076.78 f'fondi mill-UE.

Minbarra dan, il-MEUSAC waqqaf Fond għal Ko-finazjament għall-għaqdiet mhux governattivi li japplikaw għal fondi tal-UE. Kien pjaċir kbir għalina li l-Gvern irrikonoxxa dan bħala pass kruċjali għall-għaqdiet mhux governattivi biex japprofittaw rwieħhom mill-opportunitajiet ta' fondi tal-UE. Kien għalhekk li fil-baġit tas-sena d-dieħla, il-Gvern daħħal vot ġdid għal dan il-ko-finanzjament ta' €280,000. L-amministrazzjoni ta' dan il-Fond se jgħaddi mill-MEUSAC lis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, għalkemm il-MEUSAC xorta se jibqa' jagħti l-kontribut tiegħu bħalma qed nagħtu fil-Fond ta' Ko-finanzjament għall-kunsilli lokali li għas-sena d-dieħla żdied għal nofs miljon Euro.

M'għandiex dubju, li d-deċiżjoni tal-Gvern li jerġa' jwaqqaf il-MEUSAC kienet kruċjali biex iseħħu dawn l-iżviluppi. Inrodd ħajr pubblikament lis-Segretarju Parlamentari Dott. Chris Said għall-entużjażmu tiegħu biex jara li l-MEUSAC jilħaq il-miri li l-Gvern poġġielna għas-snin li ġejjin. Grazzi wkoll lill-membri tal-*Core Group* u tal-kumitati settorjali, kif ukoll lill-istaff ħabrieki tagħna. Għandi pjaċir inħabbar li wara s-servizz tant imprezzabbli li tana Julian Micallef bħala Aġent Kap tal-Konsultazzjoni, minn Jannar, Dott. Diane Farrugia ħa tassumi l-pożizzjoni ta' Kap tal-Konsultazzjoni. Grazzi wkoll lil Maria Schembri, Kap tat-Taqsima tal-Fondi, kif ukoll lil Osvalido Zammit li hu responsabbli mill-Informazzjoni dwar il-Programmi ta' Fondi.

Grazzi kbira tmur ukoll lill-membri l-oħra tal-Kumitat tas-CSF: is-Sur Mark Mizzi, is-Sur Charles Vella u s-Sur James Buhagiar li ħadmu ħafna biex il-Kumitat ikun jista' jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu.

Nieħu l-opportunità biex nawgura lilkom u lill-membri u l-familji tagħkom il-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida fejn inkomplu nsaħħu l-ħidma tagħna b'riżq sehem dejjem iktar b'saħħtu tas-soċjetà ċivili fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dan Ewropew.